MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1110/1994/1

**Guzeppi Agius, Annunziata Agius u Richard Agius bhala werrieta skond il-ligi ta' Godfrey Agius**

**vs**

**Tarcisio Fenech**

**Il-Qorti:**

**Preliminari;**
B'citazzjoni tat-2 ta' Settembru, 1994 l-atturi ppremettew illi Godfrey Agius, l-awtur taghhom miet f'incident waqt il-kacca fit-18 ta' April, 1994; illi Godfrey Agius miet guvni u minghajr testment u ghalhekk wirtuh skond il-ligi il-genituri tieghu Giuseppi Agius u Annunziata Agius (atturi) u l-uniku huh Richard Agius (l-attur l-iehor); illi l-incident li fih sofra l-mewt l-istess Godfrey Agius gara fid-data msemmija waqt li l-konvenut kien qieghed ghall-kacca, flimkien ma l-istess Godfrey Agius u persuna ohra f'ghalqa li tinsab go Wied il-Ghajn Road, limiti ta' Marsascala/Zabbar; illi l-istess incident gara unikament tort ta' l-istess konvenut li b'negligenza, traskuragini, imperizja, nuqqas ta' prudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' sikurezza waqt il-kacca, ikkaguna l-mewt tal-istess Godfrey Agius, l-awtur ta' l-atturi; illi ghalkemm l-atturi interpellaw lill-konvenut biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, dan cahad kull responsabbilita` u naqas li jersaq ghall-istess likwidazzjoni u hlas ta' danni minnu kagunati lill-atturi; dan premess l-atturi talbu li l-Prim Awla tal-Qorti Civili:-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident waqt il-kacca li gara fit-18 ta' April, 1994, f'ghalqa go Wied il-Ghajn Road, limiti ta' Marsascala/Zabbar, f'liema incident sofra l-mewt Godfrey Agius, l-awtur ta' l-atturi;
2. tillikwida d-danni kagunati lill-atturi mill-konvenut, b'rizultat ta' l-istess incident; u
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni sofferti mill-istess atturi, b'konsegwenza tal-istess incident.

Bl-interessi u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra uffucjali tat-28 ta' Lulju, 1994, kontra l-konvenut, minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

B'nota ppresentata fis-6 ta' Ottubru, 1994 l-konvenut eccepixxa illi huwa ma kienx responsabbli ghall-incident u mewt meritu tal-kawza u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tal-24 ta' Lulju, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet minn din il-vertenza billi wara li ddikjarat lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, kkundannat lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' u tletin elf u sitt mitt lira maltin (LM39,600) in linea ta' danni bl-imghax legali mid-data tas-sentenza kif ukoll ikkundannatu ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza.

L-Ewwel Qorti rriteniet l-konvenut unikament responsabbli ghall-akkadut wara li ezaminat bir-reqqa r-rapporti tal-esperti mahtura minnha li kienu konkordi fil-konkuzzjonijiet taghhom dwar l-aspett tar-responsabbilita` tal-konvenut. Il-Qorti ghalhekk ghamlet taghha l-konkluzzjoni tal-istess periti fuq dan l-aspett tal-vertenza u ddikjarat lill-konvenut unikament responsabbli. Billi l-ewwel sentenza rraportat in extenso s-sottomissjonijiet tal-periti huwa opportun, ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell li dik il-parti tas-sentenza tigi riportata hawn ukoll. Fl-ewwel sentenza insibu hekk:-

*"Din il-kawza tirrigwarda incident sfortunat tal-kacca li sehh fit-18 ta' April 1994 meta Godfrey Agius, l-awtur ta' l-atturi, miet wara li safa milqut minn tir sparat mill-konvenut b'senter. L-evidenza forensika wriet li t-tir kien sparat minn distanza ravvicinata hafna u li kien tir "b'sahhtu hafna" (P.C. 154 Jesmond Cassar – Dok. JMB 4).*
*Il-konvenut eccepixxa li ma kienx responsabbli ghall-mewt ta' Godfrey Agius u ghalhekk il-perit legali Dr. Philip Sciberras korrettement ezamina fil-fond jekk effettivament il-konvenut kienx fi htija. Huwa esprima ruhu hekk:*
*"19. Indiskutibilment, anke ghax dan huwa stabbilit b'ligi espressa, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.*
*Infatti hu in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' "bonus pater familias" abbinat ma xi ksur ta' xi dmir impost mill-ligi, ex Artikoli 1032, 1033 (Kodici Civili. Ara Vol. XLIV. p.I. p.343; u App. Civ. 8 ta' April, 1991 in re "Paul Camilleri noe vs Michael Grech".*
*Naturalment ukoll, biex ikun hemm lok ghad-danni jehtieg li wiehed seta' ppreveda d-disgrazzja li kkagunat id-dannu. Din il-prevedibilita` trid tkun ta' probabilitajiet ragionevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u*

*inver(o)simili. Vide Vol. XXIV p.I.p172; Vol.p.I.p.74 (sic); Vol. XLVIII p.I. p.258).*

*20. Huwa mistenni illi l-prudenza, diligenza u attenzjoni ma tonqos qatt u tigi ezercitata dejjem, partikolarment imbaghad u certament fi grad oghla minn min f'idejh ghandu arma tan-nar, anke jekk ghall-passatemp jew biex jissodisfa x-xewqa ta' l-isport favorit tieghu.*

*Kaccatur jista' jkun responsabbli f'ghemilu jekk huwa:-*

*(a) jispara meta quddiemu u fil-vizwali tieghu jezistu ostakoli u ostruzzjonijiet ta' sigar, haxix u hitan;*

(b) *jispara bla ma jara u jqis fejn ser jasal it-tir;*

(c) *jispara fl-abitat, toroq, kif hekk del resto jissanzjonaw ir-regolamenti;*

(d) *jispara qabel ma jhares sewwa ma' dwaru;*

(e) *jispara fil-passjoni tal-mument minghajr ma jippondera u jifli sew l-azzjoni tieghu.*

*21. Kif gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet "Carmelo Grech pro et noe vs Benedetto Camilleri noe" App. Civ. 14 ta' Dicembru 1979, rigwardanti azzjoni ghad-danni kagonati minn senter waqt kacca:-*

*Illi fil-fehma tal-Qorti, arma tan-nar bhas-senter in kwistjoni hi oggett inerentement perikoluz. Bl-akbar facilita` tista' toqtol, tferi jew tiddanneggja. Bhala regola, aktar ma tkun kbira l-potenzjalita` tal-perikolu tal-oggett uzat, akbar ghandha tkun id-diligenza u l-prudenza ta' min juza l-istess oggett, l-utent ta' arma tan-nar ghandu juza l-akbar grad ta' diligenza. Diversament, is-sikurezza u l-inkolumita` ta' terzi tigi serjament pregudikata."*

*Kif gja ravvizat supra, dan il-monitu huwa pjenament kondiviz mill-esponenti, u tabilhaqq il-kawteli f'sitwazzjoni konsimili ma ghandhom jonqsu qatt.*

*22. Issa fil-kaz de quo l-konvenut akkampa bhala skuzanti liberatorja mir-responsabbilita` l-fatt illi l-mejjet kien stiednu jispara meta esprima ruhu bil-kliem "ilqa' Cis."*

*Ma jidhirx li huwa kontest(at) illi kliem bhal dan, jew simili ghalih, ghandu tifsira ta' invit fejn dak li jigi msejjah huwa mistieden biex jispara. Dan huwa hekk spejgat mill-Ispettur Paul Sammut (Seduta 10 ta' Mejju 1996), minn*

*Christopher Fenech (Seduta 19 ta' Dicembru 1995), mill-konvenut innifsu (Seduta 27 ta' Ottubru 1995) u minn Joseph Perici Calascione (Seduta 24 ta' Lulju 1996). Skond dan ta' l-ahhar, "dan ifisser li dak li jkun qed jigbidlek l-attenzjoni jew li jaghtik id-dritt jew javzak li jgibek f'pozizzjoni li tkun tista' tispara."*

*23. Il-konvenut imur oltre u jtenni li bi kliem bhal dan "jien nifhem u kelli nispara jiena biss." (Seduta 27 ta' Ottubru 1995)*
*Issa "a tempo vergine" u meta ma kellux zmien jahsibha, huwa jafferma in coda ghall-istqarrija tieghu tat-18 ta' April 1994 rilaxxjata lill-Ispettur Paul Sammut, u minnu ffirmata, is-segwenti:-*
*"Din kienet it-tieni gamiema li kellna okkazzjoni nisparaw fuqha dalghodu. Dina giet xi nofs siegha qabel l-incident u Godfrey ukoll qalli "ilqa" izda sparajna flimkien, kemm jien kif ukoll Godfrey. L-ewwel tir sparajtu jien, imbaghad komplejna t-tnejn."*

*24. Fil-fehma konsiderata tal-esponenti kien aktar preciz il-konvenut fejn iddepona illi "fil-fehma tieghi meta tintuza l-espressjoni "ilqa", bejn il-kaccaturi jfisser li wiehed irid jipprepara biex jispara." Ma jidhirx in effetti illi kellu jispara huwa biss. Tant hu hekk illi l-istess konvenut kien konsapevoli mill-fatt illi anke l-mejjet kien qabad is-senter tieghu li sa ftit qabel kien qed iserrah mal-hajt. Difatti fl-istess stqarrija ighid hekk:*
*"F'hin minnhom rajna gamiema minn naha ta' isfel 'il fuq. Kienet gejja ftit ixxuxxata, jien u Godfrey baxxejna u htafna s-snieter f'idejna."*

*25. Dan huwa konfermat ukoll mix-xhud minnu prodott Christopher Fenech, mhux tant mid-deposizzjoni tieghu fis-seduta tad-19 ta' Dicembru 1995, daqskemm mill-kontenut tal-okkorrenza fejn dan ix-xhud assista lill-Ispettur Mario Bonello fl-istharrig tal-incident:-*
*"Dak il-hin Godfrey Agius u Tarcisio Fenech <u>li kienu wara xulxin qabdu s-senter u tbaxxew u hadu l-mira</u>; dak il-hin Godfrey Agius kien quddiem iharsu lejn it-Triq ta' Wied il-Ghajn u Christopher wara Tarcisio Fenech li kien wara*

*Godfrey; hekk kif it-tajra avvicinat Tarcisio Fenech spara u dak il-hin qam Godfrey Agius u gie milqut bit-tir f'rasu."*
*Ovvjament dan ix-xhud huwa aktar kredibbli minn dak redatt fl-okkorrenza milli fl-okkazzjoni tax-xhieda tieghu "viva voce".*

26. *Tinghata liema tifsira tinghata tal-kelma "ilqa", jibqa' dejjem il-fatt illi l-konvenut spara, u spara b'mod li laqat lil Godfrey Agius, meta kien jaf bil-presenza ta' dan l-ahhar, u li hu ukoll qabad is-senter, presumibilment ha l-mira wkoll versu l-istess gamiema.*

*27. Huwa wisq intuwittiv illi f'cirkostanzi simili haddiehor, kaccatur ukoll, fil-vicinanzi, li gie osservat jaqbad is-senter, u jiehu l-mira, ser jiccaqlaq ukoll. Hi inkoxjenza, imbaghad, in vista' tal-posizzjoni perikoluza tas-senter, meta taf li dan haddiehor qieghed quddiemek. Certament li l-konvenut ma jistax semplicement jistrieh fuq il-kaz fortuitu, jew stat ta' necessita` jew forza magguri biex jiskolpa ruhu mill-htija meta tezisti l-kolpa antecedenti. Fir-rigward jaghmlu qari interessanti d-decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, f'kawzi konsimili ta' danni minn arma tan-nar waqt kacca, in re "Carmela Fenech pro et noe vs Antonio Galea", 24 ta' Mejju 1954, u "Mikiel Refalo pro et noe vs Pawlu Curmi", 13 ta' Jannar 1988.*

28. *Kif gie osservat fid-decizjoni a Vol. XXIV p. 1 72 in re "Publio Azzopardi vs Antonio Arcivovich et", 14 ta' Novembru 1919:-*

*"Quando si ha la violazzjone di un dovere, ed una volontarja omissione di diligenza percui non si prevedono la consequenza della propria azione ad (od) omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ad anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto."*
*Konsegwentement meta mill-iskrutinju probatorju tigi stabbilita l-htija, id-danneggjant ghandu jirrispondi ghall-event dannuz kawzat minn nuqqas ta' prudenza. Jifdal ghalhekk li jigi konsiderat l-entita` tad-danni subiti mill-atturi b'konsegwenza tal-mewt tal-kongunt taghhom."*

L-ewwel sentenza wkoll ghamlet referenza in estenso ghall-konkluzzjonijiet tal-periti perizjuri li gew mahtura minnha. Infatti fis-sentenza insibu riportati s-segwenti brani mir-rapport imsemmi:-

*"18. Fil-fehma tal-esponenti l-provi ghandhom jigu valjati fid-dawl tal-principju li, anke waqt l-ezercizzju tad-delizzju tal-kacca, il-fatt li dan id-delizzju jirrikjedi l-uzu u l-isparar tal-"live ammunition" ifisser li:*
*(1) min jispara jrid juza attenzjoni massima u li*
*(2) min ikun qieghed ghall-kacca ma jkunx speci mar f'zona a riskju tieghu. Bhal min jidhol fil-periklu b'ghajnejh miftuha u jekk jigrilu xi haga ddur fuqu u tghidlu legittimament "volente non fit injuria".*

*19. Kwazi rrizorju li tghidu, imma m'hemm xejn hazin li jigi registrat, il-konvenut <u>kien jaf</u> bil-presenza tad-decujus u bil-lokazzjoni ezatta ta' dan u spara lejn fejn dan u spara fil-baxx jigifieri mhux 'l fuq mill-gholi ta' bniedem. Issa kaccatur mhux intitolat li jati tir lejn tajra <u>tkun fejn tkun</u> u l-ewwel l-inkolumita` tan-nies (inkluzi kaccaturi ohra). Li tiggennen wara tajra u tinsa konsiderazzjonijiet ohra ma hux accettat.*
*20. L-esponenti, wara li raw ix-xhieda u flew bir-reqqa r-relazzjoni tal-ewwel perit u n-Nota ta' kull wiehed miz-zewg difensuri jhoss li ghandhom jikkondividu u jaqblu mal-fehma espressa mill-perit li l-konvenut kien hati ghall-mewt tad-decuius billi ma kienx attent bizzejjed. Attenzjoni fil-qies u s-sura mistennija mill-bonus pater familias fid-dawl wkoll tal-ambjent partikolari, i.e. il-kacca.*
*21. Meta d-decujus stieden lill-konvenut biex jispara dana b'ebda mod m'ghandu jfisser li d-decuius kien speci ta' brevett ta' immunita` lill-konvenut, jispara kif dan jispara. Anke jekk id-decuius qam ha jispara hu wkoll, xorta l-konvenut ried jara lejn <u>fejn</u> ser jispara. Kif semma l-ewwel perit, para 24 tar-relazzjoni, meta d-decuius qal "ilqa" lill-konvenut ma jfissirx li l-konvenut kellu jispara hu biss u in fatti l-istess konvenut qal li hu ra lid-decuius jaqbad is-senter ukoll.*
*22. L-esponenti jikkondividu pjenament dak li hemm argumentat fil-para 27 ta' l-ewwel relazzjoni fejn anke*

*saret referenza ghal zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell dwar incidenti waqt il-kacca.*
*23. L-esponenti jatu importanza lir-ritratti ezebiti (ghall-valur korroborattiv taghhom) mnejn wiehed jista' jara l-gholi tad-demm tad-decuius mtajjar mal-hajt paragunat mal-gholi (i.e. tul) tal-persuni ohra (magistrat, ufficjal tal-Qorti u Pulizija). Hu ovvju li l-konvenut ma qaghadx attent li lejn fejn kien sejjer it-tir tieghu ma jkunx ta' periklu ghal haddiehor.*
*24. In definitiva, l-esponenti huma tal-fehma li l-konvenut ghandu jirrispondi ghal dak li gara."*

Dan premess l-ewwel Qorti skartat s-sottomissjoni tal-konvenut dwar kontributorjeta` billi, sostniet li "*L-incident gara ghax il-konvenut ma poggiex lilu nnifsu f'posizzjoni preventiva biex jassigura ruhu li jispara bla hsara ghall-persuni ta' madwaru. Huwa spara minn posizzjoni perikoluza, mill-baxx, u ghall-imprudenza ta ghemilu jrid iwiegeb."*

Wara dan l-ewwel qorti ghaddiet biex tikkunsidra l-kwistjoni tal-quantum tad-danni li ghandhom jigu akkordati lill-atturi. Hawn jidher li ma kienx hemm qbil bejn l-periti mahtura billi ghalkemm kollha qablu fuq l-aspettativa ta' introitu tad-decuius fl-ammont ta' LM5,500, u li mill-ammont finali ghandhu jitnaqqas 20% minhabba l-fatt li l-ammont ser jithallas immedjatament, u 50% minhabba l-konsum personali, jidher li l-ewwel perit adotta multiplier ta' 32 sena, filwaqt li l-periti perizjuri adottaw multiplier ta' 25 sena. Inoltre jidher li filwaqt li l-ewwel perit naqqas nofs l-ammont minhabba l-grad ta' dipendenza, l-periti perizjuri dehrilhom li l-grad ta' dipendenza o meno tal-atturi ghad-decuius kien jimmerita tnaqqis ta' zewg terzi. B'hekk gara li fil-waqt li l-ewwel perit wasal ghas-somma komplessiva ta' LM35,200, il-periti perizjuri llikwidaw danni fl-ammont ta' LM18,333.
L-ewwel qorti osservat li ghal dak li huwa grad ta' dipendenza kien hemm zball fil-konsiderazzjonijiet tal-periti perizjuri billi dawn bbazaw l-konkluzzjonijiet taghhom "*fuq il-premessa zbaljata, u cioe` li d-decuius halla superstiti tliet ahwa."* In effetti l-ewwel Qorti osservat li l-

atturi Giuzeppi u Annunzjata Agius huma l-genituri tad-decuius, filwaqt li l-attur Godfrey Agius kien huh.

Dan premess l-ewwel qorti filwaqt li abbraccjat is-suggeriment tal-periti kollha li d-danni jigu likwidati fuq dhul annwu medju ta' LM5,500, u li t-tnaqqis ghall-"personal consumption" jkun fi grad ta' 50%; skartat l-multiplier suggerit mill-periti perizjuri filwaqt li accettat bhal gust dak ta' 32 sena suggerit mill-ewwel perit, accettat ukoll tnaqqis ta' 50% ghal "degree of dependence" kif suggerit mill-ewwel perit, u billi "*ghaddew kwazi sitt snin mid-data tac-citazzjoni, ghandu jsir tnaqqis ta' 10% ghal "lump sum payment".* B'hekk l-ewwel qorti waslet biex tillikwida s-somma komplessiva ta' LM39,600 imsemmija fil-parti dispositiva tas-sentenza.

**L-appell ta' Tarcisio Fenech.**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors tal-4 ta' Awissu, 2000 talab li, ghar-ragunijiet hemm esposti, din il-Qorti joghgobha thassar tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet fuq imsemmija deciza mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Lulju 2000 billi filwaqt illi tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Fir-risposta taghhom tal-11 ta' Awissu, 2000 l-atturi, filwaqt li ssottomettew li s-sentenza imsemmija hi ekwa u gusta, talbu li din l-Qorti "*tilqa' t-talbiet taghhom kif kontenuti fic-citazzjoni, billi tikkonferma s-sentenza appellata u filwaqt li tiskarta l-aggravji migjuba mill-konvenut appellant, tichad l-appell propost bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant."*

**L-aggravji tal-appellant.**

L-aggravji mressqa mill-appellant huma tnejn, wiehed li jikkoncerna r-responsabbilita` ghall-incident mentri l-iehor jitratta l-ammontar tad-danni likwidati. Fi kliem l-appellant dawn gew espressi bil-mod segwenti:-

a) Illi l-ewwel Onorabbli Qorti sabet malament ir-responsabbilita` tal-konvenut mentri ghall-incident kien jahti l-attur jew almenu kellu responsabbilita` kontributorja.
b) Illi, minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, il-likwidazzjoni tad-danni kienet wahda esagerata u eccessiva tenut kont tal-orjentamenti tal-gurisprudenza.

**Dwar responsabbilita`.**

L-argument principali mressaq mill-konvenut huwa fis-sens li huwa ma agixxixi b'mod negligenti meta irreagixxa ghall-invit tad-decuius biex huwa jispara fuq it-tajra li kienet qed tavvicina. Inoltre qed jigi sottomess li jekk kemm-il darba huwa ghandu jinzamm responsabbli, l-Qorti ma tistax ma takkollax responsabbilita` kontributorja fuq id-decuius.

Bhala regola generali huwa stabbilit li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu meta bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja. Dan l-obbligu ta' risarciment ma jibqax hemm kemm-il darba dik il-hsara tigi kagunata minn persuna fl-ezercizzju ta' jedd taghha basta dak d-dritt jigi ezercitat fil-qies li jmiss. Il-ligi ukoll tipprospetta l-kazi ta' hsara kagunata b'accident jew bhala rizultat ta' forza magguri f'liema eventwalitajiet dik il-hsara ibatiha dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara. Dawn il-principji generali inkorporati fl-artikoli 1029 sa 1032 tal-Kodici Civili fis-semplicita` taghhom jirregolaw il-materja sotto ezame.

Hu fatt mhux kontradett li d-decuius miet wara li intlaqat minn tir ta' senter sparat mill-konvenut. Il-konvenut u d-decuius kienu marru flimkien ghall-kacca tal-gamim, it-tnejn armati bi snieter. Fil-post tal-incident jirrizulta li d-decuius kien qieghed wara hajt li kien jinsab aktar 'il quddiem minn fejn kien qieghed il-konvenut. F'hin minnhom d-decuius ra tajra gejja u filwaqt li ghamel moviment biex jittanta jisparalha, ghal xi raguni sejjah lill-siehbu l-konvenut biex jisparalha hu u uza l-kliem "ilqa Cis". F'dak il-mument il-konvenut tella' s-senter u spara u laqat lid-decuius f'rasu.

Is-sottomissjoni tal-konvenut hi fis-sens li l-kliem uzat mid-decuius kienu jaghtuh d-dritt li jispara hu. Dan jidher li huwa minnu, kif xhedu diversi persuni nkluz Joseph Perici Calascione li indubjament ghandu esperjenza in materja. Izda din il-qorti tifhem li dak id-dritt koncess mid-decuius bl-ebda mod ma jezonera lill-konvenut mir-resposabbilita` ghall-akkadut. Id-dritt hekk koncess kien limitat ghall-isparar fuq it-tajra. Bl-ebda mod ma dawk il-kliem jistghu jigu interpretati bhala li jezoneraw lill-konvenut mill-obbligu li juzu dik il-prudenza u diligenza ta' missier tajjeb ta' familja.

Arma tan-nhar hija intrinsikament oggett perikoluz u ghalkemm hija intiza, bhal fil-kaz in ezami, ghall-ezercizzju ta' "sport" ossia passatemp, din ic-cirkostanza ma tnaqqas xejn mill-obbligi imposti fuq l-konvenut fl-uzu ta' tali arma specjalment meta dik l-arma tkun qed tintuza fil-vicinanzi ta' persuni ohra. Issa huwa generalment rikonoxxut li fl-istagun tal-kacca l-ghelieqi fl-inhawi minn fejn hu mistenni li jghaddi t-tajr jkunu mizghuda bil-kaccaturi. Huwa ghalhekk principju basiku biex jigu evitati incidenti simili ghal dak sotto ezemi, li l-arma tan-nar qatt ma tigi ppuntata u sahansitra sparata f'direzzjoni fil-baxx u cioe` fejn individwi jew kaccaturi ohra jistghu jkunu presenti bil-konsegwenza li jintlaqtu. Sewwa osservaw il-periti perizjuri "*Li tiggennen wara tajra u tinsa konsiderazzjonijiet ohra ma hux accettat.*" Dan il-kumment tal-perit legali jigbor fih il-qofol tar-raguni ta' l-incident. Fil-mument li l-konvenut inghata d-dritta mid-decuius huwa tilef kull sens ta' proporzjon u dover billi f'dak il-mument ma kien qed jara xejn hlief li jnizzel it-tajra. Jekk din kienet ghaddejja fil-baxx ftit kien jimpurtah u xorta wahda spara f'livell fejn **qatt u qatt** ma kellu jispara kontra kull regola tal-uzu prudenti ta' arma tan-nar. Jidher ghalhekk li l-incident sehh minhabba l-agir inkonsult tal-konvenut meta spara fil-baxx u ta' dan certament ghandu jirrispondi.

**Dwar kontributorjeta`.**

Sottomissjoni ohra, ghalkemm konnessa ma' dak li gja intqal hawn fuq, hija dik li d-decuius ikkontribwixxa ghall-akkadut. Jidher li dan l-argument huwa bazat fuq il-fatt li

d-decuius qam bilwiefqa wara li kien ceda d-dritta li jispara lill-konvenut. Din il-qorti ma tara ebda raguni valida f'dan l-argument sabiex takkolla kontributorjeta` lid-decuius. Kif gja inghad hawn fuq il-kliem "Ilqa' Cis" bl-ebda mod ma jistghu ezoneraw lill-konvenut milli jiehu dawk l-prekawzzjonijiet mehtiega, u trattandosi ta' arma tan-nar dawn ghandhom jkunu l-massimu tal-prekawzzjonijiet. Il-waqfien tad-decuius fil-mument li l-konvenut spara bl-ebda mod ma jitfa xi dell fuq l-istess decuius. Kif gja rajna aktar 'il fuq minn jaghmel uzu ta' arma tan-nar irid jaccerta ruhu li d-direzzjoni tat-tir qatt ma tkun f'livell li tista tolqot lil xi hadd, jkun min jkun. Ghalhekk il-posizzjoni wieqfa tad-decuius fil-mument tal-isparatura bl-ebda mod ma tista' tnaqqas mir-responsabbilita` tal-konvenut li, kif gja rajna, ghazel li jispara fil-baxx non kuranti minn persuni ohra. Din is-sottomissjoni ghalhekk ma tistax jkollha ezitu favorevoli.

**Dwar id-Danni.**

Qed jigi sottomess li d-danni huma esagerati u eccessivi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u tal-gurisprudenza in materja. L-ilmenti tal-konvenut f'dan ir-rigward huma indirizzati lejn in-numru ta' snin adottati mill-qorti biex jigi komputat l-"multiplier"; lejn it-tnaqqis minhabba l-grad ta' dipendenza tal-atturi fuq d-decuius u finalment ilmenta wkoll minhabba l-fatt li l-ewwel qorti naqset biss 10% minflok dak li konswetudinalment jitnaqqas minhabba l-element tal-"lump sum payment".

Il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel qorti fir-rigward tal-fatturi fuq imsemmija kienu telegrafici nkwantu ghal dak li hu multiplier irriteniet li "*tenut kont tax-xoghol li kien jaghmel id-decuius, il-multiplier adoperat mill-ewwel perit legali ta' 32 sena huwa gust".* Fir-rigward tat-tnaqqis minhabba 'dependency' irrilevat li l-periti perizjuri li kienu ssuggerew tnaqqis ta' zewg terzi minflok dak ta' 50% kif suggerit mill-ewwel perit billi kienu taht l-impressjoni li l-atturi kienu kollha hut d-decuius mentri fil-fatt dawn kienu il-genituri u hu d-decuius. Finalment l-ewwel qorti ordnat tnaqqis ulterjuri ta' 10% minhabba li l-ammont kien ser jinghata

f'daqqa minflok dak soltu ta' 20% billi kienu ghaddew sitt snin mid-data tac-citazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

**Dwar is-snin tal-"multiplier".**
Kif gja rajna aktar 'l fuq l-ewwel qorti dehrilha li ghandha tadotta 'multiplier' ta' 32 sena skond kif suggerit mill-ewwel perit "*minhabba x-xoghol li kien jaghmel id-decuius".* Din ir-raguni izda ma tilqax ghal argument mressaq mill-konvenut appellant li l-gurisprudenza kienet kwazi dejjem inklinata lejn multiplier li ma jeccedix l-25 sena anke meta l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tal-mejjet kienet itwal minn dan il-perjodu. Ghalhekk huwa gust li ssir referenza ghal dak li qal l-ewwel perit fir-rapport tieghu mahluf fl-4 ta' Novembru, 1996.

Meta ezamina din il-kwistjoni l-gharef perit legali rrileva li bid-decizjonijiet aktar recenti "*l-principji stabbiliti fis-sentenza "Butler vs Heard" gew raffinati minn konsiderazzjonijiet aktar gustifikabbli tant li l-multiplier beda jigi kalkolat fuq il-bazi tal- " working years expectancy".* In sostenn ta' dan l-istess perit ghamel referenza ghal diversi sentenzi tas-snin disghin pero' ma waqafx hemm billi l-istess perit irrileva li l-"*working years expectancy"* tad-decuius ta' madwar 38 sena kellha tigi ridotta ghal figura aktar konservattiva proprju minhabba n-natura tax-xoghol ta' strapazz tad-decuius. Kien ghalhekk li l-perit adotta multiplier ridott ta' 32 sena.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-argumenti mressqa mill-perit legali huma validi billi joholqu bilanc bejn dak li kien jsir fiz-zmien tal-imghoddi u r-realta` tal-hajja tal-lum riflessa fis-sentenzi minnu citati. Ta' min jghid ukoll li llum qed tigi ventilata mill-awtoritajiet l-possibbilita` li l-"retiring age" nazzjonali tkun ta' hamsa u sittin sena. Jekk dan il-fatt kellu jittiehed in konsiderazzjoni l-hajja lavorattiva tad-decuius kienet tkun ta' tnejn u erbghin sena u mhux ta' tmiena u tlettin kif jinghad fir-rapport. Inoltre ghandu jinghad li bl-avvanzi fil-kamp mediku f'dawn l-ahhar snin l-aspettativa ghall-hajja utili zdiedet. Jidher ghalhekk li dan l-aggravju mhux gustifikat.

**Dwar il-grad ta' dipendenza.**

L-appellant qed jilmenta dwar l-fatt li l-ewwel qorti naqset biss 50% ghall-grad ta' dipendenza minflokk zewg terzi kif suggerit mill-periti perizjuri. Qed jigi sottomess li l-atturi ma kienux dipendenti tad-decuius, anzi fil-kaz tal-genituri, l-istess decuius kien pis ghalihom billi kien qed jghix maghhom. Huwa minnu, u f'dan ir-rigward din il-qorti tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellant li, hemm differenza bejn dak li ghandu jinghata lill-armla u t-tfal tal-mejjet, ghal dak li jigi likwidat favur il-genituri tieghu u hutu. Din id-differenza necessarjament tirrifletti l-grad tad-dipendenza fuq l-introitu generat mid-decuius ta' parti u ta' ohra ghall-ghejxien taghha. Pero` jigi rilevat li l-ligi taghna, kif inhi llum, (ara Artikoli 1045 u 1046 tal-Kap 16) ma titkellem xejn fuq "dependancy" ghal fini tal-komputazzjoni tad-danni u kienu biss il-qrati li, b'sens ta' gustizzja u ekwita`, introducew dan l-aspett innovattiv fis-sistema guridika taghna. B'dana kollu din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet tal-appellant inkwantu l-Kodici Civili taghna jimponi obbligu ta' manteniment fuq persuna sew versu l-genituri kemm versu l-ahwa u ghalhekk ma jistax jinghad li l-element tad-"dependancy" huwa nieqes. Fl-ahhar mill-ahhar jigi rilevat li d-danni li jigu akkordati sew f'kaz ta' dizabilita` kif ukoll f'kaz ta' mewt huma dejjem fid-diskrezzjoni tal-qorti u din il-Qorti ma tara xejn hazin fl-ghazla ta' l-ewwel qorti meta adottat it-tnaqqis ghall-grad ta' "dependancy" fuq riferit. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Tnaqqis minhabba lump sum payment.**

Fis-sentenza taghha l-ewwel qorti dehrilha li l-percentwali ta' ghoxrin fil-mija li normalment tigi mnaqqsa minhabba li l-ammont ser jithallas f'salt ghandha tigi ridotta ghall-ghaxra fil-mija "*stante li ghaddew kwazi sitt snin mid-data tac-citazzjoni".* Il-konvenut appellant hassu aggravat b'dan billi qed isostni li kwalunkwe dewmien, jekk kien hemm, ma jistax jigi attribwit lilu. Fil-verita` l-gurisprudenza hija konkordi f'dan ir-rigward billi kwalunkwe kambjament fil-percentagg li jitnaqqas minhabba l-"lump sum payment"

ghandu jirrifletti xi htija tad-danneggant meta jikkawza dewmien eccessiv u mhux gustifikat fil-proceduri. Hawn pero` ma jidhirx li hu l-kaz. Din il-kwalifika hija mehtiega billi jekk l-kawza tiehu certa zmien biex tigi deciza u dana minhabba l-komplessita` tal-materja, kull tnaqqis simili jkun qieghed jippenalizza lill-obbligat intortament a vantagg tad-danneggat. Din il-Qorti tabbraccja dan il-hsieb u ghalhekk tiddikjara li dan l-aggravju huwa gustifikat u ghalhekk sejra tipprovdi dwaru fil-parti dispositTiva tas-sentenza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tilqghu limitatament nkwantu s-sentenza appellata qed tigi riformata billi l-ammont li qed jigi likwidat in linea ta’ danni li l-konvenut appellant ghandu jhallas lill-atturi jammonta ghall-hamsa u tletin elf u mitejn lira maltin (LM35,200); ghal bqija s-sentenza appellata qed tigi konfermata hlief ghal dak li ser jinghad dwar il-kap tal-ispejjes. Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-prim istanza u ta’ dan l-appell ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-disa’ minn ghaxar partijiet mill-konvenut appellant u decima parti mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------